

Brussell, 25 ta' Ġunju 2022
(OR. fr, en)

10685/22

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0206(COD)

CLIMA 321
ENV 668
ENER 332
TRANS 442
SOC 406
FIN 709
RESPR 20
COH 58
CADREFIN 113
CODEC 1013

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kunsill
Nru dok. Cion:	10920/21 + COR 1 + ADD 1 + ADD 1 COR 1 - COM(2021) 568 final
Suġġett:	Pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %" Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jistabbilixxi Fond Soċjali għall-Klima - Approċċ ġenerali

I. INTRODIZZJONI

1. Fl-14 ta' Lulju 2021, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, bħala parti mill-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %", proposta għal Regolament li jistabbilixxi Fond Soċjali għall-Klima¹.

¹ Dok. 10920/21 + COR 1 + ADD 1 + ADD 1 COR 1

2. Il-proposta għandha l-għan li ttaffi l-impatti soċjali u distributtivi tal-istabbiliment ta' sistema separata għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet għas-setturi tal-bini u tat-trasport bit-triq (ETS BRT). Fuq il-bażi tal-pjanijiet soċjali għall-klima, il-Fond jappoġġa miżuri u investimenti biex jgħin lill-unitajiet domestiċi vulnerabbli, lill-mikrointrapriżi vulnerabbli u lill-utenti vulnerabbli tat-trasport.
3. Fil-Parlament Ewropew, kemm il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (ENVI) kif ukoll il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali (EMPL) huma l-kumitati ewlenin fi proċedura ta' kumitat konġunt. Il-Kumitat għall-Baġits (BUDG) huwa kumitat assoċjat. Is-Sa Esther de Lange (PPE, NL) inġatret rapporteur għall-Kumitat ENVI, is-Sur David Casa (PPE, MT) għall-Kumitat EMPL u s-Sa Margarida Marques (S&D, PT) għall-Kumitat BUDG. Fit-18 ta' Mejju 2022, il-Kumitati ENVI u EMPL adottaw ir-rapport tagħhom dwar il-proposta għal Regolament dwar il-Fond Soċjali għall-Klima. Fit-8 ta' Ġunju 2022, il-Parlament irrifjuta l-proposta ġenerali dwar l-ETS u bagħatha lura lill-Kumitat ENVI; b'riżultat ta' dan, il-vot tal-Parlament dwar ir-Regolament dwar il-Fond Soċjali għall-Klima sar fis-sessjoni plenarja tat-22 u t-23 ta' Ġunju 2022.
4. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ta l-opinjoni tiegħu fit-8 ta' Diċembru 2021. Il-Kumitat tar-Regġuni ta l-opinjoni tiegħu waqt is-sessjoni tiegħu mis-27 sad-29 ta' April 2022.

II. ĦIDMA FIL-KUNSILL

5. Fil-livell tal-grupp ta' ħidma, wara d-diskussjonijiet inizjali taħt il-Presidenza Slovena, il-Presidenza Franċiża kompliet l-eżami tagħha tal-proposta f'disa' laqgħat immirati lejn ir-rikonċiljazzjoni tal-pożizzjonijiet tad-delegazzjonijiet dwar l-aspetti differenti tal-proposta.
6. Fuq il-bażi tal-ħidma li saret, il-Kunsill Ambjent kellu dibattitu ta' orjentazzjoni fis-17 ta' Marzu 2022², li b'mod partikolari kien jirrigwarda l-ħolqien ta' Fond Soċjali għall-Klima b'rabta mal-istabbiliment ta' BRT ETS separata.

² Dok. 6668/2/22 REV 2

7. Fil-laqgħat tiegħu tal-1³ u t-8 ta' April⁴, l-4 ta' Mejju⁵ u waqt ikla informali fit-8 ta' Ġunju 2022, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti kellu skambji ta' fehmiet dwar il-parametri ewlenin tar-Regolament dwar il-Fond Soċjali għall-Klima b'rabta mal-proposta għal BRT ETS, u dwar l-arkitettura baġitarja tal-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %", sabiex jagħti gwida għal aktar ħidma.
8. Sussegwentement, il-Presidenza ppreżentat żewġ testi ta' kompromess⁶ dwar ir-Regolament dwar il-Fond Soċjali għall-Klima li ġew eżaminati mill-Grupp ta' Ħidma fl-10 u l-14 ta' Ġunju 2022.
9. Fis-17 ta' Ġunju 2022, sabiex iħejji għad-diskussjoni tal-Kunsill (Ambjent) dwar dan il-fajl fil-laqgħa tiegħu tat-28 ta' Ġunju 2022, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti eżamina t-tielet test ta' kompromess tal-Presidenza⁷, inkluż il-kwistjonijiet baġitarji li minnhom tneħħew il-parentesi kwadri preċedenti. Fit-22 ta' Ġunju 2022, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti eżamina r-raba' test ta' kompromess tal-Presidenza⁸.
10. Wara l-laqgħa informali tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti fl-24 ta' Ġunju 2022, il-Presidenza ħejjiet il-ħames test ta' kompromess rivedut⁹ li ġie diskuss fil-laqgħa formali tiegħu tal-25 ta' Ġunju 2022. L-iskambji wrew li dwar ċerti kwistjonijiet, b'mod partikolari l-volum tal-fond, id-delegazzjonijiet komplew jesprimu riżervi. Wara dawn id-diskussjonijiet u minħabba l-opinjoni diverġenti, il-Presidenza żżomm l-elementi tat-test ta' kompromess, peress li jidher li huma l-aħjar biex jintlaħaq qbil dwar it-test kollu kemm hu.

³ Dok. 7559/22

⁴ Dok. 7713/22

⁵ Dok. 8406/22

⁶ Dok. 9321/22 + REV 1

⁷ Dok. 9969/22 + ADD 1

⁸ Dok. 10395/22

⁹ Dok. 10395/1/22 + REV 1

III. ELEMENTI PRINĊIPALI TAT-TEST TA' KOMPROMESS

11. It-test ta' kompromess jimmodifika l-proposta tal-Kummissjoni f'ħafna aspetti, b'rispons għall-mistoqsijiet u t-talbiet tad-delegazzjonijiet, u jżomm il-livell ta' kontribut għall-objettiv tal-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %". Jirrigwarda prinċipalment l-aspetti li ġejjin:

L-arkitettura baġitarja tal-Fond

It-test jipproponi arkitettura baġitarja ġdida ta' Fond iffinanzjat minn dħul assenjat estern li jiġi mill-bejgħ tal-kwoti BRT ETS. Dan jippermetti li l-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) ma jerġax jinfetaħ fil-futur immedjat, filwaqt li jibbenefika minn sensiela ta' garanziji marbutin mal-baġit Ewropew. F'dan il-kuntest, l-Artikolu 30d tad-Direttiva tal-ETS li torganizza l-irkantar tal-kwoti BRT ETS li jikkontribwixxu għall-Fond Soċjali għall-Klima huwa emendat biex jipprevedi t-trasferiment ta' ammont limitat ta' dħul bħala dħul assenjat estern.

Tul ta' żmien tal-Fond

Il-Fond ikopri l-perjodu 2027-2032, biex titqies il-proposta għal dewmien fid-dħul fis-seħħ tal-BRT ETS.

Volum tal-Fond

L-Anness II ġie rivedut biex jitqies it-tnaqqis fit-tul ta' żmien (EUR 59 biljun) u l-pakketti nazzjonali ġew aġġustati kif xieraq. It-test, fl-Artikolu 9, iżid kjarifika dwar l-ammont tar-redistribuzzjoni netta bejn l-Istati Membri.

Metodu ta' allokkazzjoni

It-test iżomm il-proposta tal-Kummissjoni.

Stabbiliment bikri tal-Fond

It-test jipprevedi l-eliġibbiltà retroattiva tal-infiq mill-1 ta' Jannar 2026.

Kofinanzjament

It-test jipproponi t-tħassir tal-kontribut nazzjonali previst fil-proposta tal-Kummissjoni.

Appoġġ dirett għall-introjtu

It-test jipproponi li jinżamm appoġġ dirett għall-introjtu billi jiġi introdott limitu massimu ta' 35 % tal-kostijiet totali stmati tal-Pjanijiet Soċjali għall-Klima.

Metodu ta' ġestjoni

It-test jipprevedi ġestjoni diretta tal-prestazzjoni kkombinata ma' elementi ta' ġestjoni kondiviża bħall-assistenza teknika nazzjonali u l-possibbiltà li jerġġhu jittieħdu l-awtoritajiet ta' ġestjoni u ta' kontroll tal-Fondi Strutturali mingħajr il-ħtieġa ta' validazzjoni oħra mill-Kummissjoni. Fl-Artikolu 10 tar-Regolament dwar il-Fond Soċjali għall-Klima jiġi propost ukoll li l-Istati Membri li jixtiequ dan jitħallew jittrasferixxu sa 15 % tal-allokkazzjoni tagħhom tal-Fond Soċjali għall-Klima għall-programmi tagħhom taħt ġestjoni kondiviża. Dan l-ammont għandu jintuża għall-istess objettivi bħall-Fond Soċjali għall-Klima iżda jista' jiġi implimentat permezz tal-FEŻR, il-FSE, il-Fond ta' Koeżjoni jew il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta.

III. KONKLUŻJONI

Il-Kunsill huwa mistieden isolvi l-kwistjonijiet pendenti u jadotta approċċ ġenerali fuq il-bażi tat-test kif jinsab fl-Anness għal din in-nota. L-approċċ ġenerali ser jikkostitwixxi l-mandat tal-Kunsill għan-negozjati futuri mal-Parlament Ewropew fil-qafas tal-Proċedura Leġiżlattiva Ordinarka.

Kompromess tal-Prezidenza dwar il-Fond Soċjali għall-Klima¹⁰

KAPITOLU I

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1

Suġġett, kamp ta' applikazzjoni u objettivi

Il-Fond Soċjali għall-Klima (“il-Fond”) huwa stabbilit mill-2027 sal-2032.

Huwa għandu jipprovdi appoġġ finanzjarju lill-Istati Membri (...) għall-miżuri u tal-investimenti inklużi fil-Pjanijiet Soċjali għall-Klima tagħhom (“il-Pjanijiet”).

Il-miżuri u l-investimenti appoġġati mill-Fond għandhom ikunu ta' benefiċċju għall-unitajiet domestiċi, għall-mikrointrapriżi u għall-utenti tat-trasport, li huma vulnerabbli u partikolarment affettwati mill-inklużjoni tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra mill-bini u mit-trasport bit-triq fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/87/KE, speċjalment l-unitajiet domestiċi fil-faqar enerġetiku u ċ-ċittadini (...) bi trasport pubbliku alternattiv għal karożżi individwali li jkun limitat jew inadegwat (...).

¹⁰ L-Artikolu 322(1) TFUE jeħtieġ li jiżdied bħala bażi legali addizzjonali sabiex tkun tista' ssir deroga mill-Artikolu 22(2) tat-Titolu II tar-Regolament Finanzjarju, rikjesta mill-użu ta' dħul assenjat estern għal dan il-fond.

L-objettiv ġenerali tal-Fond huwa li jikkontribwixxi għat-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika billi jindirizza l-impatti soċjali tal-inklużjoni tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra mill-bini u mit-trasport bit-triq fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/87/KE. L-objettiv speċifiku tal-Fond huwa li jappoġġa lil unitajiet domestiċi vulnerabbli, mikrointrapriżi vulnerabbli u utenti tat-trasport vulnerabbli permezz ta' appoġġ temporanju dirett għall-introjtu u permezz ta' miżuri u investimenti maħsuba biex iżidu l-effiċjenza enerġetika tal-binjiet, id-dekarbonizzazzjoni tat-tiġn u tat-tkessiħ tal-bini, inkluża l-integrazzjoni u l-ħżin fil-bini tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli, u l-għoti ta' aċċess imtejjeb għal mobbiltà u trasport b'emissjonijiet zero u baxxi.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) “rinnovazzjoni tal-bini” tfisser it-tipi kollha ta' rinnovazzjoni tal-bini relatata mal-enerġija, inkluż l-iżolament tal-involukru tal-bini, jiġifieri l-ħitan, is-saqaf, l-art, il-bdil tat-twieqi, il-bdil tal-apparati tat-tiġn, tat-tkessiħ u tat-tisjir, il-ventilazzjoni u l-installazzjoni tal-produttjoni fuq il-post ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli;
- (2) “faqar enerġetiku” tfisser faqar enerġetiku kif iddefinit fil-punt [(49)] tal-Artikolu 2 tad-Direttiva (UE) [ssss/nnn] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹¹;
- (3) “kostijiet totali stmati tal-Pjan” tfisser il-kostijiet totali stmati tal-miżuri u tal-investimenti inklużi (...) fil-Pjan;
- (4) “allokazzjoni finanzjarja” tfisser appoġġ finanzjarju li ma jistax jitħallas lura taħt il-Fond li huwa disponibbli għall-allokazzjoni jew li jkun ġie allokati lil Stat Membru;
- (5) “unità domestika” tfisser (...) ¹² persuna li tgħix waħedha jew grupp ta' persuni li jgħixu flimkien, li jipprovdu l-essenzjali meħtieġa għall-għajxien tagħhom huma stess;

¹¹ [Direttiva (UE) [ssss/nnn] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU C [...], [...], p. [...]).]
[Proposta għal riformulazzjoni tad-Direttiva 2012/27/UE dwar l-effiċjenza fl-enerġija]

¹² (...)

- (6) “objettiv intermedju” tfisser kisba kwalitattiva użata biex jitkejjel il-progress lejn il-kisba ta’ miżura jew investment;
- (7) “mira” tfisser kisba kwantitattiva użata biex jitkejjel il-progress lejn il-kisba ta’ miżura jew investment;
- (8) “enerġija minn sorsi rinnovabbli” tfisser enerġija minn sorsi mhux fossili rinnovabbli kif definita fil-punt (1) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 2 tad-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹³;
- (9) “mikrointrapriża” tfisser intrapriża li timpjega inqas minn 10 persuni u li l-fatturat annwali jew il-karta tal-bilanċ annwali tagħha ma jaqbżux EUR 2 miljun, ikkalkulati f’konformità mal-Artikoli minn 3 sa 6 tal-Anness I tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014¹⁴;
- (10) “utenti tat-trasport” tfisser unitajiet domestiċi jew mikrointrapriżi li jużaw diversi għażliet ta’ trasport u mobbiltà;
- (11) “unitajiet domestiċi vulnerabbli” tfisser unitajiet domestiċi fil-faqar enerġetiku jew unitajiet domestiċi, inklużi dawk b’introjtu medju inferjuri, (...), li huma affettwati b’mod sinifikanti mill-impatti fuq il-prezzijiet tal-inklużjoni tal-bini fil-kamp ta’ applikazzjoni tad-Direttiva 2003/87/KE u li ma għandhomx il-mezzi biex jirrinovaw il-bini li jokkupaw;

¹³ Id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta’ Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 82).

¹⁴ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014 tas-17 ta’ Ġunju 2014 li jiddikjara li ċerti kategoriji ta’ għajnuna huma kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat (...) (ĠU L 187, 26.6.2014, p. 1).

- (12) “mikrointrapriżi vulnerabbli” tfisser mikrointrapriżi li huma affettwati b’mod sinifikanti mill-impatti fuq il-prezzijiet tal-inklużjoni tal-bini fil-kamp ta’ applikazzjoni tad-Direttiva 2003/87/KE u li ma għandhomx il-mezzi biex jirrinovaw il-bini li jokkupaw;
- (13) “utenti tat-trasport vulnerabbli” tfisser utenti tat-trasport, inkluż minn unitajiet domestiċi b’introjtu medju inferjuri[...] li huma affettwati b’mod sinifikanti mill-impatti fuq il-prezzijiet tal-inklużjoni tat-trasport bit-triq fil-kamp ta’ applikazzjoni tad-Direttiva 2003/87/KE u li ma għandhomx il-mezzi biex jixtru vetturi b’emissjonijiet żero u baxxi jew biex jaqilbu għal modi sostenibbli alternattivi ta’ trasport, inkluż it-trasport pubbliku, (...).
- (13a) "sistema teknika tal-bini" tfisser tagħmir tekniku għat-tisħin tal-ispazju, għat-tkessiħ tal-ispazju, għall-ventilazzjoni, għall-miżun domestiku, għall-awtomatizzazzjoni u l-kontroll tal-bini, għall-ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli fuq il-post u l-ħżin tagħha, jew għal taħlita tagħhom, inkluż dawk is-sistemi li jużaw enerġija minn sorsi rinnovabbli, ta’ bini jew ta’ unità ta’ bini.

KAPITOLU II

PJANIJIET SOĊJALI GĦALL-KLIMA

Artikolu 3

Pjanijiet Soċjali għall-Klima

1. Kull Stat Membru (...) għandu jissottometti Pjan Soċjali għall-Klima (“il-Pjan”) lill-Kummissjoni (...). Il-Pjan għandu jinkludi sett koerenti ta’ miżuri u investimenti nazzjonali eżistenti jew ġodda maħsuba biex jindirizzaw l-impatt tal-ipprezzar tal-karbonju fuq unitajiet domestiċi vulnerabbli, mikrointrapriżi vulnerabbli u utenti tat-trasport vulnerabbli sabiex jiġu żgurati tisħin, tkessiġ u mobbiltà affordabbli, filwaqt li jakkumpanjaw u jħaffu l-miżuri meħtieġa biex jintlaħqu l-miri klimatiċi tal-Unjoni.
 - 1a. Kull Stat Membru għandu jiżgura konsistenza bejn il-Pjan tiegħu u l-Pjan Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima aġġornat tiegħu msemmi fl-Artikolu 14(2) tar-Regolament (UE) 2018/1999.
2. Il-Pjan jista’ jinkludi miżuri nazzjonali li jipprovdu appoġġ għall-introjtu dirett temporanju lill-unitajiet domestiċi vulnerabbli u l-unitajiet domestiċi li huma utenti tat-trasport vulnerabbli biex jitnaqqas l-impatt taż-żieda fil-prezz tal-fjuwils fossili li tirriżulta mill-inklużjoni tal-bini u tat-trasport bit-triq fil-kamp ta’ applikazzjoni tad-Direttiva 2003/87/KE.
3. Il-Pjan għandu jinkludi (...) miżuri u investimenti nazzjonali biex:
 - (a) (...) tiżdied l-effiċjenza enerġetika tal-bini, biex jiġu implimentati miżuri għat-titjib tal-effiċjenza enerġetika inkluż dawk relatati mas-sistemi tekniċi tal-bini, biex titwettag rinnovazzjoni tal-bini, u biex jiġu dekarbonizzati t-tisħin u t-tkessiġ tal-bini, inkluża l-integrazzjoni tal-produzzjoni tal-enerġija minn sorsi tal-enerġija rinnovabbli;
 - (b) (...) jiżdied l-użu ta’ mobbiltà u trasport b’emissjonijiet żero u baxxi.

3a. Fejn Stat Membru jkollu diġà fis-seħħ sistema nazzjonali għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet għall-bini u t-trasport bit-triq jew taxxa fuq il-karbonju, il-miżuri nazzjonali diġà fis-seħħ biex itaffu l-impatt soċjali u l-isfidi jistgħu jiġu inklużi fil-Pjan dment li jikkonformaw ma' dan ir-Regolament.

Artikolu 4

Il-kontenut tal-Pjanijiet Soċjali għall-Klima

1. Il-Pjanijiet Soċjali għall-Klima għandhom jistabbilixxu (...) l-elementi li ġejjin:
 - (a) miżuri u investimenti konkreti f'konformità mal-Artikolu 3 biex jitnaqqsu l-effetti msemmija fil-punt (c) ta' dan il-paragrafu, flimkien ma' spjegazzjoni ta' kif dawn jikkontribwixxu b'mod effettiv għall-kisba tal-oġettivi stabbiliti fl-Artikolu 1 fil-qafas ġenerali tal-politiki rilevanti ta' Stat Membru;
 - (b) miżuri ta' akkumpanjament konkreti (...) biex jitwettqu l-miżuri u l-investimenti tal-Pjan u jitnaqqsu l-effetti msemmija fil-punt (c) (...), jekk l-Istat Membru jqis li dan ikun neċessarju għall-implimentazzjoni tal-Pjan;
 - (ba) informazzjoni dwar il-finanzjament eżistenti jew ippjanat ta' miżuri u investimenti minn sorsi oħra internazzjonali, pubbliċi, tal-Unjoni jew, fejn rilevanti, privati, li jikkontribwixxu għall-miżuri u investimenti li jinsabu fil-Pjan;
 - (c) stima tal-effetti probabbli (...) taż-żieda fil-prezzijiet li tirriżulta mill-inklużjoni tal-bini u tat-trasport bit-triq fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/87/KE fuq l-unitajiet domestiċi u, b'mod partikolari, fuq l-inċidenza tal-faqar enerġetiku, fuq il-mikrointrapriżi u fuq l-utenti tat-trasport, li tinkludi, b'mod partikolari, stima u l-identifikazzjoni ta' unitajiet domestiċi vulnerabbli, mikrointrapriżi vulnerabbli u utenti tat-trasport vulnerabbli; dawn (...) l-effetti għandhom jiġu analizzati (...) fil-livell territorjali xieraq (...) kif iddefinit minn kull Stat Membru, filwaqt li jitqiesu elementi bħall-aċċess għat-trasport pubbliku u għal servizzi bażiċi u jiġu identifikati ż-żoni l-aktar affettwati (...);

- (d) fejn il-Pjan jipprevedi l-miżuri msemmija fl-Artikolu 3(2), il-kriterji għall-identifikazzjoni tar-riċevituri finali eliġibbli, l-indikazzjoni tal-limitu ta' żmien previst għall-miżuri inkwistjoni u l-ġustifikazzjoni tagħhom abbażi ta' stima kwantitattiva u spjegazzjoni kwalitattiva ta' kif il-miżuri fil-Pjan huma mistennija jnaqqsu l-faqar enerġetiku u tat-trasport u l-vulnerabbiltà tal-unitajiet domestiċi (...) u tal-unitajiet domestiċi li jkunu utenti tat-trasport għal żieda fil-prezzijiet tat-trasport bit-triq u tal-fjuwil għat-tisħin;
- (e) l-oġġettivi intermedji previsti, il-miri u skeda ta' żmien indikattiva għall-implimentazzjoni tal-miżuri u tal-investimenti li għandhom jitlestew sal-31 ta' Lulju 2032;
- (f) il-kostijiet totali stmati tal-Pjan (...) ¹⁵ akkumpanjati minn ġustifikazzjoni xierqa (...) u spjegazzjonijiet dwar kif (...) huma konformi mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u proporzjonat għall-impatt mistenni tal-Pjan;
- (g) (...)
- (h) spjegazzjoni ta' kif il-Pjan jiżgura li l-ebda investment (...) jew miżura, inklużi fil-Pjan, ma jagħmlu ħsara sinifikanti lill-oġġettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852; il-Kummissjoni għandha tipprovdi gwida teknika lill-Istati Membri mmirata għall-kamp ta' applikazzjoni tal-Fond għal dak l-għan; (...);
- (i) l-arranġamenti għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni effettivi tal-Pjan mill-Istat Membru kkonċernat, b'mod partikolari tal-oġġettivi intermedji u l-miri proposti, (...) (...) ¹⁶ (...) l-indikaturi komuni rilevanti mill-Anness (X) (...), u jekk l-ebda wieħed minnhom ma jkun rilevanti għal miżura jew investment speċifiċi, indikaturi individwali addizzjonali proposti mill-Istati Membri;

¹⁵ N.B.: Kjarifika dwar il-VAT: meta jiġi ppreżentat il-Pjan, l-ispiża totali stmata għandha tiġi ppreżentata mingħajr VAT għal finijiet ta' komparabbiltà fost il-Pjanijiet (peress li l-Istati Membri għandhom livelli differenti ta' VAT fuq partiti differenti ta' nfiq). (...) Peress li l-pagamenti fil-livell tal-UE mhumiex marbuta ma' fatturi iżda ma' oġġettivi intermedji u miri, huwa f'idejn l-Istati Membri li jiddeċiedu liema spejjeż sottostanti (li jistgħu jinkludu l-VAT) jistgħu jiġu koperti meta jimplimentaw il-miżuri u l-investimenti nazzjonali tagħhom.

¹⁶ (...)

- (j) għat-tħejjija u, fejn disponibbli, għall-implimentazzjoni tal-Pjan, sommarju tal-proċess ta' konsultazzjoni, imwettaq f'konformità mal-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) 2018/1999 u mal-qafas legali nazzjonali, ta' awtoritajiet lokali u reġjonali, sħab soċjali, organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh u partijiet ikkonċernati rilevanti oħrajn, u kif il-kontribut (...) tagħhom (...) huwa rifless fil-Pjan;
- (k) spjegazzjoni tas-sistema tal-Istat Membru li tipprevjeni, tiskopri u tikkoreġi l-korruzzjoni, il-frodi u l-kunflitti ta' interess, meta jintużaw (...) l-allokkazzjonijiet finanzjarji pprovduti taħt il-Fond, u l-arranġamenti li għandhom l-għan li jevitaw finanzjament doppju mill-Fond u minn programmi oħrajn tal-Unjoni.
- (1a) Il-Pjan jista' jinkludi azzjonijiet ta' assistenza teknika meħtieġa għall-amministrazzjoni u l-implimentazzjoni effettivi tal-miżuri u tal-investimenti li jinsabu fil-Pjan.

2. Il-Pjanijiet għandhom ikunu konsistenti mal-informazzjoni inkluża u mal-impenji magħmula mill-Istati Membri taħt il-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u (...), taħt il-programmi operazzjonali tagħhom tal-politika ta' koeżjoni skont ir-Regolament (UE) 2021/1060(...) ¹⁷, taħt il-Pjanijiet tagħhom għall-Irkupru u r-Reżiljenza f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ¹⁸, taħt il-pjanijiet (...) tagħhom (...) għar-rinnovazzjoni tal-bini skont id-Direttiva [proposta ta' riformulazzjoni] (...), taħt il-pjanijiet nazzjonali integrati u aġġornati tagħhom dwar l-enerġija u l-klima skont ir-Regolament (UE) 2018/1999, u taħt (...) il-pjanijiet territorjali għal tranżizzjoni ġusta tagħhom skont ir-Regolament (UE) 2021/1056 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ¹⁹.

¹⁷ Ir-Regolament (UE) 2021/1058 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond ta' Koeżjoni (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 60).

¹⁸ Ir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17).

¹⁹ Ir-Regolament (UE) 2021/1056 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 1).

3. Meta jkunu qed iħejju l-Pjanijiet tagħhom, l-Istati Membri jistgħu jitolbu lill-Kummissjoni torganizza skambju ta' prattiki tajbin. L-Istati Membri jistgħu jitolbu wkoll appoġġ tekniku taħt il-faċilità ELENA, stabbilita permezz ta' Ftehim tal-Kummissjoni mal-Bank Ewropew tal-Investment fl-2009, jew taħt l-Istrument ta' Appoġġ Tekniku stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁰.

(3a) Sabiex tassisti lill-Istati Membri jipprovdu l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 4(1)(c), il-Kummissjoni għandha tipprovdi valur (...) komuni li għandu jitqies għall-prezz tal-karbonju li jirriżulta mill-inklużjoni tal-emissjonijiet ta' gass serra mill-bini u mit-trasport bit-triq fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/87/KE.

(3b) Il-Pjanijiet għandhom jitħejjew skont il-mudell li jinsab fl-Anness XX.

²⁰ Ir-Regolament (UE) 2021/240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi Istrument ta' Appoġġ Tekniku (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 1).

KAPITOLU III

APPOĠĠ MILL-FOND GĦALL-PJANIJIET SOĊJALI GĦALL-KLIMA

Artikolu 5

Prinċipji li jirregolaw il-Fond (...)

1. Il-Fond għandu jipprovdi appoġġ finanzjarju lill-Istati Membri biex jiffinanzjaw il-miżuri u l-investimenti stabbiliti fil-Pjanijiet tagħhom.
2. Il-ħlas tal-appoġġ għandu jkun kondizzjonali fuq il-kisba tal-objettivi intermedji u tal-miri għall-miżuri u l-investimenti stabbiliti fil-Pjanijiet. Dawk l-objettivi intermedji u l-miri għandhom ikunu kompatibbli mal-miri klimatiċi tal-Unjoni (...) u mal-objettivi tar-Regolament UE 2021/1119, u għandhom ikopru b' mod partikolari:
 - (a) l-effiċjenza enerġetika;
 - (b) ir-rinnovazzjoni tal-bini;
 - (c) il-mobbiltà u t-trasport b'emissjonijiet żero u baxxi;
 - (d) it-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra;
 - (e) it-tnaqqis fl-għadd ta' unitajiet domestiċi vulnerabbli, speċjalment unitajiet domestiċi fil-faqar enerġetiku, ta' mikrointrapriżi vulnerabbli u ta' utenti tat-trasport vulnerabbli (...).
3. Il-Fond għandu jappoġġa biss miżuri u investimenti li jirrispettaw il-prinċipju “la tagħmilx ħsara sinifikanti” msemmi fl-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852.

Artikolu 6

Miżuri u investimenti eliġibbli li għandhom jiġu inklużi fil-Pjanijiet Soċjali għall-Klima

1. L-Istati Membri jistgħu jinkludu (...) fost l-oħrajn, il-miżuri u tal-investimenti li ġejjin fil-kostijiet totali stmati tal-Pjanijiet, diment li dawn (...) ikunu prinċipalment immirati għall-unitajiet domestiċi vulnerabbli, għall-mikrointrapriżi vulnerabbli jew għall-utenti tat-trasport vulnerabbli u jkollhom l-għan li:
 - (a) jappoġġaw ir-rinnovazzjonijiet tal-bini, speċjalment għal dawk li jokkupaw binjiet bl-aġar rendiment (...);
 - (b) jikkontribwixxu għad-dekarbonizzazzjoni, inkluża l-elettrifikazzjoni, tat-tiżin u t-tkessiġ tal-binjiet, u t-tisjir fihom, u l-integrazzjoni tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli li jikkontribwixxu għall-kisbiet tal-iffrankar tal-enerġija jew biex inaqqsu l-faqar enerġetiku;
 - (c) jappoġġaw lill-entitajiet pubbliċi u privati fl-iżvilupp u l-forniment ta' soluzzjonijiet affordabbli (...) tal-effiċjenza enerġetika u strumenti ta' finanzjament xierqa f'konformità mal-għanijiet soċjali tal-Fond;
 - (d) jipprovdu aċċess għal vetturi u roti b'emissjonijiet żero u baxxi, inklużi appoġġ finanzjarju jew inċentivi fiskali għax-xiri tagħhom, kif ukoll għal infrastruttura pubblika u privata xierqa, inkluż għall-irriċarġjar u għar-riforniment tal-fjuwil; għall-appoġġ li jikkonċerna vetturi b'emissjonijiet baxxi, għandha tiġi pprovduta skeda ta' żmien għat-tnaqqis gradwali tal-appoġġ;
 - (e) jagħtu aċċess mingħajr ħlas għat-trasport pubbliku jew tariffi adattati għall-aċċess għat-trasport pubbliku, kif ukoll irawmu mobbiltà sostenibbli fuq talba u servizzi ta' mobbiltà kondiviża;
 - (f) jappoġġaw lill-entitajiet pubbliċi u privati fl-iżvilupp u l-forniment ta' servizzi affordabbli ta' mobbiltà, u trasport b'emissjonijiet żero u baxxi u fl-użu ta' għażliet ta' mobbiltà attiva attraenti (...) fiż-żoni ġeografiċi (...) identifikati fil-Pjan;

- 1a. L-Istati Membri jistgħu jinkludu l-miżuri li jipprovdu appoġġ temporanju dirett għall-introjt u lil unitajiet domestiċi vulnerabbli u lill-unitajiet domestiċi li huma utenti vulnerabbli tat-trasport biex jassorbu ż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija għat-trasport bit-triq u għat-tisħin. Tali appoġġ mill-Fond għandu jonqos maż-żmien u għandu jkun limitat għall-impatt dirett tal-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet għall-bini u t-trasport bit-triq. Dawn il-miżuri ma għandhomx jirrappreżentaw aktar minn (...) 35 % tal-istima totali tal-kost tal-Pjan kif imsemmi fl-Artikolu 4(1)(f).
- 1b. L-Istati Membri jistgħu jinkludu assistenza teknika li tkopri l-ispejjeż relatati mal-attivitajiet ta' taħriġ, programmar, monitoraġġ, kontroll, awditu u evalwazzjoni li huma meħtieġa għall-ġestjoni tal-Fond u għall-kisba tal-oġġettivi tiegħu, pereżempju studji, spejjeż tal-IT, konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati, informazzjoni u azzjonijiet ta' komunikazzjoni. Din għandha tammonta sa [2.5 %] tal-istima totali tal-kost tal-pjan kif imsemmi fl-Artikolu 4(1)(...)(f).
- 1c.²¹ L-Istati Membri jistgħu jinkludu miżuri u investimenti mwettqa mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2026 u li jkunu għadhom għaddejnin fl-1 ta' Jannar 2027 dment li jaqblu mal-implimentazzjoni tal-Pjanijiet kif approvati f'konformità mal-Artikolu 16(1) u dment li jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament.

²¹ Il-premessa korrispondenti "Sabiex jiġu antiċipati l-effetti tal-estensjoni tal-ETS għall-bini u t-trasport bit-triq u tiġi żgurata tranżizzjoni bla xkiel għaliha, il-miżuri u l-investimenti li saru mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2026 jenħtieġ li jkunu eliġibbli għall-finanzjament."

Artikolu 7

Esklużjonijiet (...) mill-ambitu tal-Pjanijiet Soċjali għall-Klima

(...)

Artikolu 8

Trasferiment tal-benefiċċji lill-unitajiet domestiċi, lill-mikrointrapriżi u lill-utenti tat-trasport

L-Istati Membri jistgħu jinkludu fil-(...)Pjanijiet (...) l-appoġġ finanzjarju pprovdut lil entitajiet pubbliċi jew privati għajr unitajiet domestiċi vulnerabbli, mikrointrapriżi vulnerabbli u (...) utenti tat-trasport vulnerabbli, jekk dawk l-entitajiet iwettqu miżuri u investimenti li fl-aħħar mill-aħħar ikunu ta' benefiċċju għal unitajiet domestiċi vulnerabbli, mikrointrapriżi vulnerabbli u utenti tat-trasport vulnerabbli.

L-Istati Membri għandhom jipprevedu s-salvagwardji statutorji u kuntrattwali meħtieġa biex jiżguraw li l-benefiċċju kollu jiġi mgħoddi lill-unitajiet domestiċi, lill-mikrointrapriżi u lill-utenti tat-trasport.

Artikolu 9²²

(...) Riżorsi mis-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet għall-Bini u għat-Trasport bit-

Triq

1. (...) Għandu jsir disponibbli massimu ta' EUR 59 000 000 000 għall-perjodu (...)mill-2027 (...) sal-2032 fi prezzijiet attwali, f'konformità mal-Artikolu 30d (4a) tad-Direttiva 2003/87/KE, għall-implimentazzjoni skont dan ir-Regolament għall-finanzjament tal-miżuri u l-investimenti tal-Pjanijiet Soċjali għall-Klima, li jikkorrispondu għal trasferiment nett totali tal-Istati Membri għall-Fond li jammonta għal massimu ta' EUR 18 600 000 000²³. Dan l-ammont għandu jsir disponibbli fil-forma ta' dħul assenjat estern fit-tifsira tal-Artikolu 21(5) tar-Regolament Finanzjarju.

(...)

- 1a. B'deroga mill-Artikolu 22(2) tar-Regolament Finanzjarju u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 19, l-approprijazzjonijiet ta' impenn li jkopru l-ammont imsemmi fil-paragrafu 1 għandhom isiru disponibbli awtomatikament sal-ammont rispettiv imsemmi fil-paragrafu 1 mid-data tal-istabbiliment (...) tal-Fond.

²² Premessa korrispondenti: Il-Fond Soċjali għall-Klima jenħtieġ li jiġi ffinanzjat b'mod eċċezzjonali u temporanju mid-dħul iġġenerat mill-irkant tal-kwoti tal-ETS fis-settur tal-bini u tat-trasport bit-triq sa EUR 59 000 miljun, li jenħtieġ li jikkostitwixxi dħul assenjat estern.

(...) Fil-każ li tiġi stabbilita riżorsa proprja bbażata fuq ETS fis-settur tal-bini u tat-trasport bit-triq matul l-implimentazzjoni tal-Fond, il-Kummissjoni jenħtieġ li tippreżenta l-proposti meħtieġa biex tiżgura (...) l-kontinwità u l-effettività tal-implimentazzjoni tal-Fond, fil-qafas tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali ta' wara l-2027, mingħajr preġudizzju għall-eżitu tan-negozjati tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali ta' wara l-2027.

²³ Premessa korrispondenti: Skont l-Artikolu 30d(4a) tad-Direttiva 2003/87/KE, l-Istati Membri għandhom jirkantaw kwoti koperti mill-Kapitolu IVa ta' dik id-Direttiva sal-ammont ta' EUR 59 000 000 000 li għandhom jiġu trasferiti lill-Fond abbażi ta' sehem ta' kwoti identifikat fl-Artikolu 30d(4) tal-istess Direttiva. Ladarba tiġi trasferita lill-Fond, jenħtieġ li tiġi kkalkulata allokazżjoni finanzjarja massima għal kull Stat Membru f'konformità ma' koeffiċjent tal-allokazżjoni li jipprovdi b'mod partikolari appoġġ addizzjonali lil dawk l-Istati Membri li huma l-aktar milquta mill-inklużjoni tal-bini u tat-trasport bit-triq fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2008/37/KE. Dan jirriżulta f'ammont nett ta' massimu ta' EUR 18 600 000 000 li jitqassam mill-ġdid fost l-Istati Membri.

Id-dħul assenjat imsemmi (...) fil-paragrafu 1 (...) jista' jkopri wkoll l-ispejjeż li jappartjenu għal attivitajiet ta' tħejjija, monitoraġġ, kontroll, awditu u evalwazzjoni li huma meħtieġa għall-ġestjoni tal-Fond u għall-kisba tal-oġġettivi tiegħu, b' mod partikolari studji, laqgħat ta' esperti, konsultazzjoni ma' partijiet ikkonċernati, azzjonijiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni, inklużi azzjonijiet ta' sensibilizzazzjoni inklużivi, u l-komunikazzjoni korporattiva tal-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni, sa fejn dawn ikunu relatati mal-oġġettivi ta' dan ir-Regolament, mal-ispejjeż marbuta man-networks tal-IT li jiffokaw fuq l-ipproċessar u l-iskambju ta' informazzjoni, mal-għodod korporattivi tat-teknoloġija tal-informazzjoni, u mal-ispejjeż l-oħrajn kollha ta' assistenza teknika u amministrattiva mġarrba mill-Kummissjoni għall-ġestjoni tal-Fond. L-ispejjeż jistgħu jkopru wkoll il-kostijiet ta' attivitajiet ta' sostenn oħrajn, bħall-kontroll tal-kwalità u l-monitoraġġ ta' proġetti fuq il-post u l-kostijiet ta' konsulenza bejn il-pari u l-esperti għall-valutazzjoni u l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet eliġibbli.

Artikolu 10

Ir-riżorsi mill-programmi b'ġestjoni kondiviża u l-użu tar-riżorsi

1. Ir-riżorsi allokatil lill-Istati Membri taħt ġestjoni kondiviża jistgħu, fuq talba tagħhom, jiġu ttrasferiti lill-Fond soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fid-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (UE) 2021/1060. Il-Kummissjoni għandha timplimenta dawk ir-riżorsi direttament f'konformità mal-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 62(1) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046. Dawk ir-riżorsi għandhom jintużaw esklużivament għall-benefiċċju tal-Istat Membru kkonċernat.
 - 1a. Fil-pjanijiet Soċjali għall-Klima tagħhom ippreżentati skont l-Artikolu 3(1), l-Istati Membri jistgħu jitolbu t-trasferiment sa 15 % tal-allokkazzjoni finanzjarja massima għal fondi b'ġestjoni kondiviża prevista fir-Regolament (UE) 2021/1060. Ir-riżorsi trasferiti għandhom jiffinanzjaw miżuri u investimenti kif definiti skont l-Artikolu 6 u għandhom jiġu implimentati f'konformità mar-regoli tal-fondi li lilhom jiġu ttrasferiti r-riżorsi. Il-Kummissjoni għandha toġġezzjona għal talba għal trasferiment fejn tali trasferiment idgħajjef l-oġġettivi ta' dan ir-Regolament u r-rekwiżiti ta' dan il-paragrafu.

2. L-Istati Membri jistgħu jinkarigaw lill-awtoritajiet maniġerjali tal-(...)programmi operazzjonali tal-politika ta' koeżjoni skont ir-Regolament (UE) 2021/(...)1060 bl-implimentazzjoni ta' miżuri u investimenti li jibbenefikaw minn dan il-Fond, fejn applikabbli fid-dawl tas-sinerġiji ma' daww il-fondi tal-Unjoni u f'konformità mal-oġġettivi tal-Fond. L-Istati Membri għandhom jiddikjaraw l-intenzjoni tagħhom li jinkarigaw lil daww l-awtoritajiet fil-Pjanijiet tagħhom. F'każ bħal dan, il-mekkaniżmi eżistenti ta' ġestjoni u kontroll fis-seħħ mill-Istati Membri, kif approvati mill-Kummissjoni, għandhom jitqiesu konformi mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament.
3. L-Istati Membri jistgħu jinkludu fil-Pjan tagħhom, bħala parti mill-kostijiet totali stmati, il-pagamenti għal appoġġ tekniku addizzjonali skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2021/240 u l-ammont tal-kontribuzzjoni fi flus kontanti għall-fini tal-kompartiment tal-Istat Membru skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (UE) 2021/523. Daww il-kostijiet ma għandhomx jaqbu l-4 % tal-allokkazzjoni totali finanzjarja għall-Pjan, u l-miżuri rilevanti, kif stabbiliti fil-Pjan, għandhom ikunu konformi ma' dan ir-Regolament.

Artikolu 11

Implimentazzjoni

Il-Fond għandu jiġi implimentat mill-Kummissjoni f'ġestjoni diretta f'konformità mar-regoli rilevanti adottati skont l-Artikolu 322 TFUE, b'mod partikolari r-Regolament (UE, Euratom) Nru 2018/1046 u r-Regolament (UE, Euratom) Nru 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁴.

Artikolu 12

Addizzjonalità u finanzjament komplementari

1. L-appoġġ taħt il-Fond għandu jkun addizzjonali għall-appoġġ ipprovdut taħt fondi, programmi u strumenti oħrajn tal-Unjoni. Il-miżuri u l-investimenti appoġġati taħt il-Fond jistgħu jirċievu appoġġ minn fondi, programmi u strumenti oħrajn tal-Unjoni, diment li tali appoġġ ma jkoprix l-istess kost.

²⁴ Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar reġim ġenerali ta' kondizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni (ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 1).

2. L-appoġġ mill-Fond għandu jkun addizzjonali u ma għandux jissostitwixxi n-nefqa baġitarja nazzjonali rikorrenti.

2a. Għall-assistenza teknika lill-Istati Membri, il-kostijiet amministrattivi marbuta direttament mal-implimentazzjoni tal-Pjan ma għandhomx jitqiesu bħala nefqa baġitarja nazzjonali rikorrenti.

Artikolu 13

Allokazzjoni finanzjarja massima

1. L-allokazzjoni finanzjarja massima għandha tiġi kkalkolata għal kull Stat Membru kif speċifikat fl-Anness I u fl-Anness II.
2. Kull Stat Membru jista' jissottometti talba sal-allokazzjoni finanzjarja massima tiegħu biex jimplementa l-Pjan tiegħu.

Artikolu 14

Kontribuzzjoni nazzjonali għall-kostijiet totali stmati

(...)

Artikolu 15

Valutazzjoni tal-Kummissjoni

1. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-Pjan u, fejn applikabbli, kwalunkwe emenda għal dak il-Pjan sottomessa minn Stat Membru f'konformità mal-Artikolu 17, għall-konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament. Meta twettaq dik il-valutazzjoni, il-Kummissjoni għandha taġixxi f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istat Membru kkonċernat. Il-Kummissjoni tista' tagħmel osservazzjonijiet jew titlob aktar informazzjoni f'i żmien xahrejn mill-preżentazzjoni tal-Pjan mill-Istat Membru. L-Istat Membru kkonċernat għandu jipprovdi l-informazzjoni addizzjonali mitluba u jista' jirrevedi l-Pjan, jekk ikun meħtieġ, inkluż wara s-sottomissjoni tal-Pjan. L-Istat Membru kkonċernat u l-Kummissjoni jistgħu jaqblu li jestendu l-iskadenza għall-valutazzjoni b'perjodu raġonevoli, jekk ikun meħtieġ.

2. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta r-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza tal-Pjan, filwaqt li tqis l-isfidi speċifiċi u l-allokazzjoni finanzjarja tal-Istat Membru kkonċernat, kif ġej:

- (a) Għall-fini tal-valutazzjoni tar-rilevanza, il-Kummissjoni għandha tqis il-kriterji li ġejjin:
- (i) jekk il-Pjan (...) jikkontribwix biex jiġi indirizzat l-impatt soċjali fuq, u l-isfidi ffaċċjati minn, unitajiet domestiċi vulnerabbli, mikrointrapriżi vulnerabbli u utenti tat-trasport vulnerabbli fl-Istat Membru kkonċernat mill-istabbiliment tal-iskema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet għall-bini u għat-trasport bit-triq stabbilita skont il-Kapitolu IVa tad-Direttiva 2003/87/KE, speċjalment unitajiet domestiċi fil-faqar enerġetiku, filwaqt li jitqiesu kif xieraq l-isfidi identifikati fil-valutazzjonijiet tal-Kummissjoni tal-aġġornament tal-pjan nazzjonali integrat tal-Istat Membru kkonċernat dwar l-enerġija u l-klima u tal-progress tiegħu skont l-Artikolu 9(3), u l-Artikoli 13 u 29 tar-Regolament (UE) 2018/1999, kif ukoll fir-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni lill-Istati Membri maħruġa skont l-Artikolu 34 tar-Regolament (UE) 2018/1999 fid-dawl tal-oġġettiv fit-tul tan-newtralità klimatika fl-Unjoni sal-2050 (...);
 - (ii) jekk il-Pjan huwiex mistenni jiżgura li l-ebda miżura jew investiment inklużi fil-Pjan ma jagħmlu ħsara sinifikanti lill-oġġettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852;
 - (iii) jekk il-Pjan fihx miżuri u investimenti li jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluż biex jiġu indirizzati l-isfidi li jirriżultaw minnha u, b'mod partikolari, għall-kisba tal-oġġettivi tal-Unjoni dwar il-klima u l-enerġija għall-2030 u l-oġġettivi intermedji għall-2030 tal-Istrateġija għall-Mobbiltà bil-ħsieb tal-oġġettiv fit-tul tan-newtralità klimatika fl-Unjoni sal-2050.

- (b) Għall-fini tal-valutazzjoni tal-effettività, il-Kummissjoni għandha tqis il-kriterji li ġejjin:
- (i) jekk il-Pjan huwiex mistenni jkollu impatt fit-tul fuq l-isfidi indirizzati minn dak il-Pjan u, b' mod partikolari, fuq unitajiet domestiċi vulnerabbli, mikrointrapriżi vulnerabbli u utenti tat-trasport vulnerabbli, speċjalment unitajiet domestiċi fil-faqar enerġetiku, fl-Istat Membru kkonċernat;
 - (ii) jekk l-arranġamenti proposti mill-Istat Membru kkonċernat humiex mistennija jiżguraw il-monitoraġġ u l-implimentazzjoni effettivi tal-Pjan, inklużi l-iskeda ta' żmien prevista, l-oġġettivi intermedji u l-miri, u l-indikaturi relatati;
 - (iii) jekk il-miżuri u l-investimenti proposti mill-Istat Membru kkonċernat humiex konsistenti u konformi mar-rekwiżiti skont id-Direttiva (UE) [ssss/nnn] [Proposta għal riformulazzjoni tad-Direttiva 2012/27/UE], id-Direttiva (UE) 2018/2001, ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [ssss/nnn] ta' jj/xx/ssss [Regolament dwar il-varar ta' infrastruttura ta' fjuwils alternattivi, u li jħassar id-Direttiva 2014/94/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill]²⁵, id-Direttiva (UE) 2019/1161 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva 2010/31/UE;
- (c) Għall-finijiet tal-valutazzjoni tal-effiċjenza, il-Kummissjoni għandha tqis il-kriterji li ġejjin:
- (i) jekk il-ġustifikazzjoni pprovduta mill-Istat Membru għall-ammont tal-kostijiet totali stmati tal-Pjan hijiex raġonevoli, plawżibbli, konformi mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u proporzjonata għall-impatt ambjentali u soċjali nazzjonali mistenni;

²⁵ [Regolament (UE) ssss/nnn tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.... (ĠU)] [Proposta għal Regolament dwar il-varar ta' infrastruttura ta' fjuwils alternattivi, u li jħassar id-Direttiva 2014/94/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (...)]

- (ii) jekk l-arranġamenti proposti mill-Istat Membru kkonċernat humiex mistennija jipprevjenu, jidentifikaw u jikkoreġu l-korruzzjoni, il-frodi u l-kunflitti ta' interess meta jkunu qed tintuża (...) l-allokazzjoni finanzjarja pprovduta taħt il-Fond, inkluż l-arranġamenti li għandhom l-għan li jevitaw il-finanzjament doppju mill-Fond u (...) programmi tal-Unjoni;
 - (iii) jekk l-objettivi intermedji u l-miri proposti mill-Istat Membru humiex effiċjenti fid-dawl tal-kamp ta' applikazzjoni, l-objettivi u l-azzjonijiet eliġibbli tal-Fond;
- (...) Il-Kummissjoni għandha tqis jekk il-Pjan fiha miżuri u investimenti li jirrappreżentaw azzjonijiet koerenti.

Artikolu 16

Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni

1. Abbażi tal-valutazzjoni mwettqa f'konformità mal-Artikolu 15, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi dwar il-Pjan ta' Stat Membru, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, (...) mhux aktar tard minn ħames xhur mid-data tal-preżentazzjoni ta' dak il-Pjan skont l-Artikolu 3(1) ta' dan ir-Regolament (...).

Meta l-Kummissjoni tagħti valutazzjoni pożittiva (...) ta' Pjan, l-att ta' implimentazzjoni li jirreferi għaliha fl-ewwel subparagrafu għandu jistipula:

- (a) il-miżuri u l-investimenti li għandhom jiġu implimentati mill-Istat Membru, l-ammont tal-kostijiet totali stmati tal-Pjan u l-objettivi intermedji u l-miri;
- (b) l-allokazzjoni finanzjarja massima allokata f'konformità mal-Artikolu 13(1) ta' dan ir-Regolament li għandha titħallas f'pagamenti parzjali, skont l-Artikolu 19, ladarba l-Istat Membru jkun issodisfa b'mod sodisfaċenti l-objettivi intermedji u l-miri rilevanti identifikati b'rabta mal-implimentazzjoni tal-Pjan(...);
- (c) (...)

- (d) l-arranġamenti u l-iskeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni inklużi, fejn rilevanti, il-miżuri meħtieġa għall-konformità mal-Artikolu 20 ta' dan ir-Regolament;
- (e) l-indikaturi rilevanti relatati mal-issodisfar tal-oġġettivi intermedji u l-miri previsti; kif ukoll
- (f) l-arranġamenti biex jingħata aċċess (...) adegwat mill-Kummissjoni għad-data rilevanti sottostanti.

2. L-allokkazzjoni finanzjarja massima msemmija fil-paragrafu 1, punt (b), għandha tiġi ddeterminata abbażi tal-kostijiet totali stmati tal-Pjan propost mill-Istat Membru kkonċernat, kif ivvalutat skont il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 15(2).

L-ammont tal-allokkazzjoni finanzjarja massima għandu jiġi stabbilit kif ġej:

- (a) fejn il-Pjan ikun konformi b'mod sodisfaċenti mal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 15(2), u l-ammont tal-kostijiet totali stmati tal-(...) Pjan (...) ikun ugwali għal, jew oġġla minn, l-allokkazzjoni finanzjarja massima għal dak l-Istat Membru msemmi fl-Artikolu 13(1), l-allokkazzjoni finanzjarja allokata lill-Istat Membru kkonċernat għandha tkun ugwali għall-ammont totali tal-allokkazzjoni finanzjarja massima msemmija fl-Artikolu (...) 13 (1)(...);
- (b) fejn il-Pjan ikun konformi b'mod sodisfaċenti mal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 15(2), u l-ammont tal-kostijiet totali stmati tal-(...) Pjan (...) ikun aktar baxx mill-allokkazzjoni finanzjarja massima għal dak l-Istat Membru msemmi fl-Artikolu 13(1), l-allokkazzjoni finanzjarja allokata lill-Istat Membru għandha tkun ugwali għall-ammont tal-kostijiet totali stmati tal-(...) Pjan (...);
- (c) fejn il-Pjan ikun konformi b'mod sodisfaċenti mal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 15(2), iżda l-valutazzjoni tistabbilixxi dgħufijiet fis-sistemi ta' kontroll, il-Kummissjoni tista' titlob (...) lill-Istat Membru jieħu passi biex jindirizza dawn id-dgħufijiet qabel l-ewwel pagament;
- (d) fejn il-Pjan ma jkunx konformi b'mod sodisfaċenti mal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 15(2), ma għandha tiġi allokata l-ebda allokkazzjoni finanzjarja lill-Istat Membru kkonċernat.

3. Meta l-Kummissjoni tagħti valutazzjoni negattiva lil Pjan, id-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tinkludi r-raġunijiet għal dik il-valutazzjoni negattiva. L-Istat Membru kkonċernat għandu jerġa' jissottometti l-Pjan, wara li jqis il-valutazzjoni tal-Kummissjoni.

Artikolu 17

Emenda tal-Pjanijiet Soċjali għall-Klima

1. Fejn Pjan Soċjali għall-Klima, inkluż l-oġettivi intermedji u l-miri rilevanti, ma jkunx jista' jinkiseb aktar jew ikun jeħtieġ aġġustamenti sinifikanti, kompletament jew parzjalment, mill-Istat Membru kkonċernat minħabba ċirkostanzi oġġettivi, b'mod partikolari minħabba l-effetti diretti attwali tal-iskema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet għall-bini u għat-trasport bit-triq stabbilita skont il-Kapitolu IVa tad-Direttiva 2003/87/KE, l-Istat Membru kkonċernat jista' jissottometti lill-Kummissjoni emenda tal-Pjan tiegħu biex jinkludi l-bidliet meħtieġa u debitament ġustifikati. L-Istati Membri jistgħu jitolbu appoġġ tekniku għat-tnejjija ta' tali talba.
2. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-Pjan emendat f'konformità mal-Artikolu 15.
3. Meta l-Kummissjoni tagħti valutazzjoni pożittiva lill-Pjan emendat, hija għandha (...) tadotta, fi żmien tliet xhur mis-sottomissjoni uffiċjali tal-Pjan emendat mill-Istat Membru, deċiżjoni li tistabbilixxi r-raġunijiet għall-valutazzjoni pożittiva tiegħu, permezz ta' att ta' implimentazzjoni.
4. Meta l-Kummissjoni tagħti valutazzjoni negattiva lill-Pjan emendat, hija għandha tirrifjuta t-talba fil-perjodu msemmi fil-paragrafu 3, wara li tkun tat lill-Istat Membru kkonċernat il-possibbiltà li jippreżenta l-osservazzjonijiet tiegħu fi żmien tliet xhur mill-komunikazzjoni tal-valutazzjoni tal-Kummissjoni.

5. Sal-15 ta' Marzu (...) 2029, kull Stat Membru kkonċernat għandu jivvaluta l-adegwatezza tal-Pjanijiet tiegħu fid-dawl tal-effetti diretti attwali tal-iskema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet għall-bini u għat-trasport bit-triq stabbilita skont il-Kapitolu IVa tad-Direttiva 2003/087/KE. (...)

5a. Fil-każ ta' aġġustamenti żgħar lill-Pjan Soċjali tal-Klima, inkluż aġġornamenti żgħar fil-miżuri u l-investimenti deskritti, jew il-korrezzjoni ta' żbalji klerikali, l-Istat Membru għandu sempliċiment jinnotifika l-aġġustamenti żgħar lill-Kummissjoni. L-aġġustamenti żgħar għandhom jirrappreżentaw (...) żieda jew tnaqqis ta' mhux aktar minn 5 % tal-mira prevista fil-Pjan.

5b. (...)

Artikolu 18

Impenn tal-allokkazzjoni finanzjarja

1. Wara li l-Kummissjoni tkun adottat deċiżjoni pożittiva kif imsemmi fl-Artikolu 16, hija għandha, fi żmien debitu, tikkonkludi ftehim mal-Istat Membru kkonċernat li jikkostitwixxi impenn legali individwali skont it-tifsira tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 2018/1046 li jkopri l-perjodu (...) 2027-2032, (...). Dak il-ftehim jista' jiġi konkluż mhux aktar kmieni minn (...) tnax-il xahar qabel (...) il-bidu tal-irkantijiet skont il-Kapitolu IVa tad-Direttiva 2003/87/KE. Għal kull Stat Membru, l-impenn legali ma għandux jaqbeż l-allokkazzjoni finanzjarja massima msemmija fl-Artikolu 13(1).

(...)

2. L-impenni baġitarji jistgħu jkunu bbażati fuq impenji globali u, fejn xieraq, jistgħu jiġu diżaggregati f'pagamenti annwali mifruxa fuq diversi snin.

Regoli dwar il-ħlasijiet, is-sospensjoni u t-terminazzjoni ta' ftehimiet rigward allokazżjonijiet finanzjarji

1. Il-ħlasijiet tal-allokazżjonijiet finanzjarji lill-Istat Membru kkonċernat skont dan l-Artikolu għandhom isiru mal-ikkompletar tal-oġġettivi intermedji u l-miri rilevanti miftiehma indikati fil-Pjan kif approvati f'konformità mal-Artikolu 16 u soġġetti għall-finanzjament disponibbli. Ma' dan l-ikkompletar, l-Istat Membru kkonċernat għandu jissottometti lill-Kummissjoni talba debitament ġustifikata għall-ħlas tal-allokazżjoni finanzjarja. Tali talbiet għall-ħlas għandhom jiġu sottomessi mill-Istati Membri lill-Kummissjoni darba jew darbtejn fis-sena (...) sal-31 ta' Jannar, jew sal-31 ta' Lulju.
2. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta (...) it-talbiet kollha li tirċievi (...) sa mhux aktar tard minn xahrejn mill-iskadenza tal-limiti ta' żmien imsemmija fil-paragrafu 1 jew, jekk qabel, wara li tirċievi l-aħħar talba, jekk l-oġġettivi intermedji u l-miri rilevanti stabbiliti fid-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni msemmija fl-Artikolu 16 intlaħqux b'mod sodisfaċenti. L-ilħuq sodisfaċenti tal-oġġettivi intermedji u tal-miri għandu jippresupponi li l-miżuri relatati ma' oġġettivi intermedji u miri milħuqa b'mod sodisfaċenti preċedentement ma jkunux treggħu lura mill-Istat Membru kkonċernat. (...)
3. B'deroga mill-Artikolu 116 tar-Regolament Finanzjarju, meta l-Kummissjoni tagħmel valutazzjoni pożittiva, hija għandha tadotta mingħajr dewmien żejjed (...) id-deċiżjonijiet individwali li jawtorizzaw l-iżborż tal-allokazżjoni finanzjarja f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) Nru 2018/1046, soġġett għad-disponibbiltà tal-fondi u biex jiġi żgurati li l-Istati Membri jkollhom (...) trattament ugwali.
4. Meta, b'riżultat tal-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 3, il-Kummissjoni tistabbilixxi li l-oġġettivi intermedji u l-miri stabbiliti fid-deċiżjoni tal-Kummissjoni msemmija fl-Artikolu 16 ma jkunux intlaħqu b'mod sodisfaċenti, il-ħlas (...) tal-parti tal-allokazżjoni finanzjarja li tikkorrispondi għall-mira jew l-oġġettiv intermedju mhux milħuq għandu jiġi sospiż. L-Istat Membru kkonċernat jista' jippreżenta l-osservazzjonijiet tiegħu fi żmien xahar mill-komunikazzjoni tal-valutazzjoni tal-Kummissjoni.

Is-sospensjoni għandha titneħħa biss meta l-oġġettivi intermedji u l-miri jkunew ġew issodisfati b'mod sodisfaċenti kif stabbilit fid-deċiżjoni tal-Kummissjoni msemmija fl-Artikolu 16.

5. B'deroga mill-Artikolu 116(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 2018/1046, l-iskadenza għall-ħlas għandha tibda tiddekorri mid-data tal-komunikazzjoni tad-deċiżjoni li tawtorizza l-iżborż lill-Istat Membru kkonċernat skont il-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, jew mid-data tal-komunikazzjoni tat-tneħħija ta' sospensjoni skont it-tieni subparagrafu tal-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu.
6. Meta l-objettivi intermedji u l-miri ma jkunux intlaħqu b'mod sodisfaċenti fi żmien perjodu ta' (...) tnax-il xahar mis-sospensjoni, il-Kummissjoni għandha tnaqqas l-ammont tal-allokazzjoni finanzjarja b'mod proporzjonat wara li tkun tat lill-Istat Membru kkonċernat il-possibbiltà li jippreżenta l-osservazzjonijiet tiegħu fi żmien xahrejn mill-komunikazzjoni tal-konklużjonijiet tagħha.
7. Meta, fi żmien (...) 18-il xahar mid-data tal-konklużjoni tal-ftehimiet rilevanti msemmija fl-Artikolu 18, ma jkun sar l-ebda progress tanġibbli fir-rigward ta' kwalunkwe objettivi intermedji u miri rilevanti mill-Istat Membru kkonċernat, il-Kummissjoni għandha tittermina l-ftehimiet rilevanti msemmija fl-Artikolu 18 u għandha tiddiżimpenja l-ammont tal-allokazzjoni finanzjarja, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 14(3) tar-Regolament Finanzjarju. Il-Kummissjoni għandha tiegħu deċiżjoni dwar it-terminazzjoni tal-ftehimiet imsemmija fl-Artikolu 18 wara li tkun tat lill-Istat Membru kkonċernat il-possibbiltà li jippreżenta l-osservazzjonijiet tiegħu fi żmien perjodu ta' xahrejn mill-komunikazzjoni tal-valutazzjoni tiegħu dwar jekk ma sarx progress tanġibbli.
8. Il-pagamenti kollha (...) għandhom isiru sal-31 ta' Diċembru 2033 (...).
9. B'deroga mill-Artikolu 116 tar-Regolament Finanzjarju, (...) f'każ li f'sena partikolari d-dħul assenjat għal dan il-Fond skont l-Artikolu 30d(4a) tad-Direttiva 2003/87/KE ma jkunx biżżejjed biex ikopri t-talbiet għall-pagamenti ppreżentati mill-Istati Membri, il-Kummissjoni għandha tħallas lill-Istati Membri pro rata skont is-sehem tal-Istati Membri bħala perċentwal tal-allokazzjoni finanzjarja totali massima kif speċifikat fl-Anness II u tistinka biex tħallas malli dħul ġdid ikun disponibbli.
10. B'deroga mill-Artikolu 13 u mill-Anness II, kwalunkwe ammont diżimpenjat u mhux użat sal-31 ta' Diċembru 2033 għandu jiġi allokati mill-Kummissjoni lill-Istati Membri skont ir-regoli għad-distribuzzjoni tal-kwoti definiti fl-Artikolu 30d(4) tad-Direttiva 2003/87/KE sabiex jintlaħqu l-objettivi msemmija fl-Artikolu 1.

Il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni

1. (...) Meta jimplimentaw il-(...) Pjanijiet, l-Istati Membri, bħala benefiċjarji tal-fondi skont il-Fond, għandhom jieħdu l-miżuri xierqa kollha biex jiproteġu l-interessi finanzjarji tal-Unjoni u biex jiżguraw li l-użu (...) tal-allokazzjonijiet finanzjarji b'rabta mal-miżuri u l-investimenti appoġġati mill-Fond ikun konformi mad-dritt tal-Unjoni u mal-liġi nazzjonali applikabbli, b'mod partikolari fir-rigward tal-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni ta' frodi, korruzzjoni u kunflitti ta' interess. Għal dan l-għan, l-Istati Membri għandhom jipprovdu sistema effettiva u effiċjenti ta' kontroll intern kif spjegata f'aktar dettall fl-Anness III u l-irkupru tal-ammonti mħallsa b'mod żbaljat jew użati b'mod skorrett. L-Istati Membri jistgħu jiddependu fuq is-sistemi ta' ġestjoni tal-baġit nazzjonali regolari tagħhom.
2. Il-ftehimiet imsemmija fl-Artikolu 18 għandhom jipprevedu l-obbligi tal-Istati Membri:
 - (a) li jikkontrollaw regolarment li l-finanzjament ipprovdut ikun intuża kif suppost f'konformità mar-regoli applikabbli kollha u li kwalunkwe miżura jew investiment taħt il-Pjan ikunu ġew implimentati kif suppost f'konformità mar-regoli applikabbli kollha, b'mod partikolari fir-rigward tal-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni ta' frodi, korruzzjoni u kunflitti ta' interess;
 - (b) li jieħdu miżuri xierqa biex jipprevjenu, jidentifikaw u jikkoreġu l-frodi, il-korruzzjoni u l-kunflitti ta' interess kif definiti fl-Artikolu 61 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni u li jieħdu azzjonijiet legali biex jirkupraw fondi li jkunu ġew miżapproprjati, inkluż b'rabta ma' kwalunkwe miżura jew investiment implimentati taħt il-Pjan;

- (c) li jakkumpanjaw talba għall-ħlas:
- (i) b'dikjarazzjoni ta' ġestjoni li l-(...) allokazzjonijiet finanzjarji ntużaw għall-iskop maħsub tagħhom, li l-informazzjoni ppreżentata mat-talba għall-ħlas hija kompluta, preċiża u affidabbli, u li s-sistemi ta' kontroll stabbiliti jagħtu l-assigurazzjonijiet meħtieġa li (...) l-allokazzjonijiet finanzjarji ġew ġestiti f'konformità mar-regoli applikabbli kollha, b'mod partikolari r-regoli dwar l-evitar ta' kunflitti ta' interess, il-prevenzjoni tal-frodi, il-korruzzjoni u l-finanzjament doppju mill-Fond u minn programmi (...) tal-Unjoni f'konformità mal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba; kif ukoll
 - (ii) b'sommarju tal-awditi mwettqa f'konformità mal-istandards tal-awditjar aċċettati internazzjonalment, inkluż il-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn l-awditi f'termini tal-ammont ta' nfiq kopert u l-perjodu ta' żmien kopert u l-analiżi tad-dgħufijiet identifikati u kwalunkwe azzjoni korrettiva meħuda;
- (ca) għall-fini tal-awditjar u l-kontroll u biex tiġi prevista informazzjoni komparabbli dwar l-użu ta' (...) allokazzjonijiet finanzjarji b'rabta mal-miżuri u l-investimenti implimentati taħt il-Pjan, li jiġbru, jirreġistraw u jaħżnu f'sistema elettronika u jiżguraw l-aċċess għall-kategoriji standardizzati ta' data li ġejjin:
- (i) l-isem tar-riċevituri finali (...) tal-allokazzjonijiet finanzjarji, in-numri tar-reġistrazzjoni tal-VAT tagħhom jew in-numri ta' identifikazzjoni tat-taxxa, fejn applikabbli, u l-ammont tal-allokazzjoni finanzjarja mill-Fond;

- (ii) l-isem tal-kuntrattur(i) u tas-sottokuntrattur(i) u n-numru/i tar-reġistrazzjoni tal-VAT jew in-numru/i ta' identifikazzjoni tat-taxxa tagħhom u l-valur tal-kuntratt(i) fejn ir-riċevitur finali (...) tal-allokazzjonijiet finanzjarji jkun awtorità kontraenti f'konformità mad-dritt tal-Unjoni jew mal-liġi nazzjonali dwar l-akkwist pubbliku (...);
- (iii) l-isem/ismijiet, il-kunjom(ijiet), id-data tat-twelid u n-numru/i ta' reġistrazzjoni tal-VAT jew in-numru/i ta' identifikazzjoni tat-taxxa, fejn applikabbli, tas-sid(ien) benefiċjarju/i tar-riċevitur (...) tal-allokazzjonijiet finanzjarji jew tal-kuntrattur, kif definiti fil-punt (6) tal-Artikolu 3 tad-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁶;
- (iv) lista ta' kwalunkwe miżura u investment implimentati taħt il-Fond bl-ammont totali ta' finanzjament pubbliku ta' dawk il-miżuri u l-investimenti u li tindika l-ammont ta' fondi mħallsa taħt fondi oħrajn iffinanzjati mill-baġit tal-Unjoni;

L-informazzjoni mitluba fis-subparagrafu (ii) hija meħtieġa biss meta jkunu kkonċernati proċeduri ta' akkwist pubbliku lil hinn mil-limiti tal-Unjoni. Rigward is-sottokuntratturi, l-informazzjoni hija meħtieġa biss fl-ewwel livell ta' sottokuntrattar, biss meta tiġi rreġistrata informazzjoni dwar il-kuntrattur rispettiv, u biss għal sottokuntratti b'valur totali ta' aktar minn EUR 50 000.

(cb) li jawtorizzaw espressament lill-Kummissjoni, lill-OLAF, lill-Qorti tal-Awdituri u, (...) fir-rigward ta' dawk l-Istati Membri li jipparteċipaw fil-kooperazzjoni msaħħa skont ir-Regolament (UE) 2017/1939, lill-UPPE, biex jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom kif previst fl-Artikolu 129(1) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 2018/1046 u biex jimponu obbligi fuq ir-riċevituri finali kollha (...) tal-allokazzjonijiet finanzjarji mħallsa għall-implimentazzjoni tal-miżuri u l-investimenti inklużi fil-Pjan, jew lill-persuni jew l-entitajiet l-oħrajn kollha involuti fl-implimentazzjoni tagħhom biex jawtorizzaw espressament lill-Kummissjoni, lill-OLAF, lill-Qorti tal-Awdituri u, fejn applikabbli, lill-UPPE, biex jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom kif previst fl-Artikolu 129(1) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 2018/1046 u biex jimponu obbligi simili fuq ir-riċevituri finali kollha tal-fondi żborżati;

²⁶ Id-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, li temenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li tħassar id-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/70/KE (ĠU L 141, 5.6.2015, p. 73).

(cc) iżommu rekords skont l-Artikolu 132 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046, bil-punt ta' referenza jkun it-tranżazzjoni tal-pagament rilevanti għall-miżura jew investiment rispettivi.

3. Id-data personali msemmija fil-punt (d) tal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandha tiġi pproċessata mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni għall-fini, u d-durata korrispondenti, tal-proċedimenti ta' kwittanza, awditjar u kontroll, informazzjoni, komunikazzjoni u pubbliċità relatati mal-użu ta' (...) allokazzjonijiet finanzjarji relatati mal-implimentazzjoni tal-ftehimiet imsemmija fl-Artikolu 18. Id-data personali għandha tiġi pproċessata f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679 jew mar-Regolament (UE) 2018/1725, skont liema minnhom ikun applikabbli. Fil-qafas tal-proċedura ta' kwittanza lill-Kummissjoni, f'konformità mal-Artikolu 319 TFUE, il-Fond għandu jkun soġġett għal rapportar taħt ir-rapportar finanzjarju u ta' akkontabbiltà integrat imsemmi fl-Artikolu 247 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 2018/1046 u, b'mod partikolari, separatament fir-Rapport Annwali dwar il-Ġestjoni u l-Prestazzjoni.
4. (...)
5. Il-ftehimiet imsemmija fl-Artikolu 18 għandhom jipprevedu wkoll id-dritt tal-Kummissjoni li tnaqqas b'mod proporzjonat l-appoġġ taħt il-Fond u li tirkupra kwalunkwe ammont dovut lill-baġit tal-Unjoni, f'każijiet ta' frodi, korruzzjoni u kunflitti ta' interess li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni li ma jkunux ġew ikkoreġuti mill-Istat Membru, jew ksur serju ta' obbligu li jirriżulta minn tali ftehimiet.

Meta tkun qed tiddeċiedi fuq l-ammont tal-irkupru u t-tnaqqis, il-Kummissjoni għandha tirrispetta l-prinċipju tal-proporzjonalità u għandha tqis is-serjetà tal-frodi, tal-korruzzjoni u tal-kunflitti ta' interess li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, jew ta' ksur ta' obbligu. L-Istat Membru għandu jingħata l-opportunità li jippreżenta l-osservazzjonijiet tiegħu qabel ma jsir it-tnaqqis.

KAPITOLU IV
KOMPLEMENTARJETÀ, MONITORAĠĠ U EVALWAZZJONI

Artikolu 21

Il-koordinazzjoni u l-komplementarjetà

Il-Kummissjoni u l-Istati Membri kkonċernati għandhom, b'mod proporzjonat mar-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom, irawmu sinerġiji u jiżguraw koordinazzjoni effettiva bejn il-Fond u programmi u strumenti (...) tal-Unjoni, inkluż il-Programm InvestEU, l-Istrument ta' Appoġġ Tekniku, il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, il-Fond għall-Modernizzazzjoni skont l-Artikolu 10d tad-Direttiva 2003/87/KE u l-Fondi koperti mir-Regolament (UE) 2021/1060. Għal dak l-iskop, huma għandhom:

- (a) jiżguraw il-komplementarjetà, is-sinerġija, il-koerenza u l-konsistenza fost strumenti differenti fil-livelli tal-Unjoni, nazzjonali u, fejn xieraq, reġjonali, kemm fil-fażi tal-ippjanar kif ukoll waqt l-implimentazzjoni;
- (b) itejbu kemm jista' jkun il-mekkaniżmi għall-koordinazzjoni biex jevitaw id-duplikazzjoni tal-isforzi; kif ukoll
- (c) jiżguraw kooperazzjoni mill-qrib bejn dawk responsabbli għall-implimentazzjoni u l-kontroll fil-livelli tal-Unjoni, nazzjonali u, fejn xieraq, reġjonali biex jintlaħqu l-oġettivi tal-Fond.

Informazzjoni, komunikazzjoni u pubbliċità

1. L-Istati Membri għandhom jagħmlu d-data msemmija fil-punt (d), (i), (ii) u (iv) tal-Artikolu 20(2) ta' dan ir-Regolament disponibbli għall-pubbliku u aġġornata f'sit web uniku f'formati miftuħa u li jinqraw mill-magni, kif stabbilit fl-Artikolu 5(1) tad-Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁷, li għandhom jippermettu li d-data tiġi magħżula, imfittxija, estratta, imqabbla u użata mill-ġdid. L-informazzjoni msemmija fil-punt (d), (i) u (ii) tal-Artikolu 20(2) ta' dan ir-Regolament ma għandhiex tiġi ppubblikata fil-każijiet msemmija fl-Artikolu 38(3) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 2018/1046 jew (...) fil-każ ta' appoġġ dirett għall-introjtu (...) lill-unitajiet domestiċi vulnerabbli.
2. Ir-riċevituri ta' finanzjament tal-Unjoni għandhom (...) ikunu infurmati dwar l-oriġini ta' dawk il-fondi u, bl-eċċezzjoni ta' persuni fiżiċi jew fil-każ li jkun hemm riskju li informazzjoni kummerċjalment sensittiva ssir pubblika, jiżguraw il-viżibbiltà tal-finanzjament tal-Unjoni, b'mod partikolari meta jipromwovu l-azzjonijiet u r-riżultati tagħhom, billi jipprovdu informazzjoni mmirata koerenti, effettiva u proporzjonata lil udjenzi multipli, inkluż il-media u l-pubbliku.
3. Il-Kummissjoni għandha timplimenta azzjonijiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni relatati mal-Fond, mal-azzjonijiet meħuda skont dan ir-Regolament u mar-riżultati miksuba, inkluż, fejn xieraq u bil-qbil tal-awtoritajiet nazzjonali, permezz ta' attivitajiet ta' komunikazzjoni konġunti mal-awtoritajiet nazzjonali u mal-uffiċċji ta' rappreżentanza tal-Parlament Ewropew u tal-Kummissjoni fl-Istat Membru kkonċernat.

²⁷ Id-Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar id-data miftuħa u l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku (ĠU L 172, 26.6.2019, p. 56).

Il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni

1. Fl-2029 u minn hemm 'il quddiem fuq bażi biennali, kull Stat Membru (...) għandu (...) jirrapporta lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Pjan tiegħu (...) flimkien mar-rapport ta' progress nazzjonali integrat tiegħu dwar l-enerġija u l-klima skont l-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2018/1999 u f'konformità mal-Artikolu 28 tiegħu. Il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni għandu jkun immirat u proporzjonat għall-attivitajiet imwettqa fil-Pjan. Fir-rapport ta' progress tagħhom, l-Istati Membri (...) għandhom jinkludu l-indikaturi li jinsabu fl-Anness (X).
2. Il-Kummissjoni għandha tissorvelja l-implimentazzjoni tal-Fond u tkejjel il-kisba tal-obiettivi tagħha. Il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni għandu jkun immirat u proporzjonat għall-attivitajiet imwettqa taħt il-Fond.
3. Is-sistema ta' rapportar tal-prestazzjoni tal-Kummissjoni għandha tiżgura li d-data għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-attivitajiet u tar-riżultati tinġabar b'mod effiċjenti, effettiv u f'waqtu. Għal dak l-għan, għandhom jiġu imposti rekwiżiti ta' rapportar proporzjonati fuq ir-riċevituri tal-finanzjament tal-Unjoni.
4. Il-Kummissjoni għandha (...) tuża l-indikaturi komuni (...) kif jinsabu fl-Anness (X) biex tirrapporta dwar il-progress u għall-finijiet ta' monitoraġġ u evalwazzjoni tal-Fond sabiex jintlaħqu l-obiettivi li jinsabu fl-Artikolu 1.

KAPITOLU V
DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 24

Evalwazzjoni u r-rieżami tal-Fond

1. (...) Sentejn wara l-bidu tal-implimentazzjoni tal-Pjanijiet, il-Kummissjoni għandha tipprovdi lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni b'rapport ta' evalwazzjoni dwar l-implimentazzjoni u l-funzjonament tal-Fond u għandha tippreżenta, fejn xieraq, kwalunkwe proposta għal emendi ta' dan ir-Regolament.
2. (...)
3. B'mod partikolari, ir-rapport ta' evalwazzjoni għandu jivvaluta sa liema punt intlaħqu l-objettivi tal-Fond stabbiliti fl-Artikolu 1, l-effiċjenza tal-użu tar-riżorsi u l-valur miżjud tal-Unjoni. Dan għandu jqis ir-rilevanza kontinwa tal-objettivi u l-azzjonijiet kollha stabbiliti fl-Artikolu 6 fid-dawl tal-impatt fuq l-emissjonijiet tal-gassijiet serra mill-iskema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet għall-bini u għat-trasport bit-triq skont il-Kapitolu IVa tad-Direttiva 2003/87/KE u mill-miżuri nazzjonali meħuda biex jintlaħaq it-tnaqqis annwali vinkolanti tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra mill-Istati Membri skont ir-Regolament (UE) 2018/842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁸. Dan għandu jqis ukoll ir-rilevanza kontinwa (...) tal-użu (...) tad-dħul assenjat b'rabta mal-iżviluppi possibbli li jikkonċernaw l-irkantar tal-kwoti taħt l-iskema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet għall-bini u għat-trasport bit-triq skont il-Kapitolu IVa tad-Direttiva 2003/87/KE u kunsiderazzjonijiet rilevanti oħrajn.
4. (...)

²⁸ Ir-Regolament (UE) 2018/842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar it-tnaqqis annwali vinkolanti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-Istati Membri mill-2021 sal-2030 li jikkontribwixxi għall-azzjoni klimatika biex jiġu onorati l-impenji li saru fil-Ftehim ta' Pariġi, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 (ĠU L 156, 19.6.2018, p. 26-42).

4a. Sal-31 ta' Diċembru 2033, il-Kummissjoni għandha ttiprovdi lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Komitat tar-Reġjuni b'rapport ta' evalwazzjoni *ex post* indipendenti.

5. Ir-rapport ta' evalwazzjoni *ex post* għandu jikkonsisti f'valutazzjoni globali tal-Fond u għandu jinkludi informazzjoni dwar l-impatt tiegħu.

Artikolu 25

Eżerċitar tad-delega

(...)

Artikolu 26

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Huwa għandu japplika mid-data sa meta l-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw mad-Direttiva (UE) [ssss/nnn] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁹ li temenda d-Direttiva 2003/87/KE fir-rigward tal-Kapitolu IVa tad-Direttiva 2003/87/KE.

²⁹ [Id-Direttiva (UE) ssss/nnn tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.... (ĠU)] [Direttiva li temenda d-Direttiva 2003/87/KE]

ANNEX I

Metodoloġija għall-kalkolu tal-allokkazzjoni finanzjarja massima għal kull Stat Membru fil-qafas tal-Fond skont l-Artikolu 13

Dan l-Anness jistipula l-metodoloġija għall-kalkolu tal-allokkazzjoni finanzjarja massima disponibbli għal kull Stat Membru skont l-Artikoli 9 u 13.

Il-metodoloġija tqis il-varjabbli li ġejjin fir-rigward ta' kull Stat Membru:

- il-popolazzjoni f'riskju ta' faqar li tgħix f'żoni rurali (2019);
- l-emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju mill-kombustjoni tal-fjuwil mill-unitajiet domestiċi (medja tal-2016–2018);
- il-perċentwal ta' unitajiet domestiċi f'riskju ta' faqar b'arretrati fuq il-kontijiet tal-utilitajiet tagħhom (2019);
- il-popolazzjoni totali (2019);
- l-ING per capita tal-Istat Membru, imkejjejjel fi standard tal-kapaċità tal-akkwist (2019);
- is-sehem tal-emissjonijiet ta' referenza skont l-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) 2018/842 għas-setturi koperti minn [Kapitolu IVa tad-Direttiva 2003/87/KE] (medja tal-2016–2018).

L-allokkazzjoni finanzjarja massima ta' Stat Membru skont il-Faċilità (MFC_i) hija definita kif ġej:

$$MFA_i = \alpha_i \times (TFE)$$

Fejn:

Il-pakkett finanzjarju totali (TFE) għall-implimentazzjoni tal-Fond huwa s-somma tal-pakketti finanzjarji kif imsemmi fl-Artikolu 9 (1) u (2) u α_i huwa s-sehem tal-Istat Membru i fil-pakkett finanzjarju totali, iddeterminat fuq il-bażi tal-passi li ġejjin:

$$\alpha_i = (50\% \times \beta_i + 50\% \times \lambda_i) \times \frac{GNI_{EU}^{PC}}{GNI_i^{PC}}$$

Fejn

$$\beta_i = \min\left(\frac{rural\ pop_i}{rural\ pop_{EU}}, \frac{pop_i}{pop_{EU}} \times f_i\right)$$

$$\lambda_i = \gamma_i \times \delta_i$$

$$\gamma_i = \frac{HCO2_i}{HCO2_{EU}}$$

$$\delta_i = \min\left(\frac{arrear_s_i}{arrear_s_{EU}}, f_i\right)$$

$$f_i = 1 \text{ if } GNI_i^{PC} \geq GNI_{EU}^{PC}; f_i = 2.5 \text{ if } GNI_i^{PC} < GNI_{EU}^{PC}$$

Fejn għal kull Stat Membru i:

$rural\ pop_i$ hija l-popolazzjoni f'riskju ta' faqar li tgħix f'żoni rurali tal-Istat Membru i;

$rural\ pop_{EU}$ hija s-somma tal-popolazzjoni f'riskju ta' faqar li tgħix f'żoni rurali tal-Istati Membri tal-EU-27;

pop_i hija l-popolazzjoni tal-Istat Membru i;

pop_{EU} hija s-somma tal-popolazzjoni tal-Istati Membri tal-EU-27;

$HCO2_i$ huma l-emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju mill-kombustjoni tal-fjuwil mill-unitajiet domestiċi tal-Istat Membru i;

$HCO2_{EU}$ hija s-somma tal-emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju mill-kombustjoni tal-fjuwil mill-unitajiet domestiċi tal-Istati Membri tal-EU-27;

$arrears_i$ huwa l-perċentwal tal-unitajiet domestiċi f'riskju ta' faqar b'arretrati fuq il-kontijiet tal-utilitajiet tal-Istat Membru i;

$arrears_{EU}$ huwa l-perċentwal ta' unitajiet domestiċi f'riskju ta' faqar b'arretrati fuq il-kontijiet tal-utilitajiet tagħhom tal-EU-27;

GNI_i^{PC} hija l-ING per capita tal-Istat Membru i;

GNI_{EU}^{PC} hija l-ING per capita tal-EU-27.

Il- β_i ta' dawk l-Istati Membri b'ING per capita taħt il-valur tal-EU-27 li għalihom $\frac{rural\ pop_i}{rural\ pop_{EU}}$ huwa l-komponent minimu, jiġu aġġustati proporzjonalment biex jiġi żgurat li l-somma ta' β_i għall-Istati Membri kollha tkun ugwali għal 100 %. Il- λ_i kollha jiġu aġġustati proporzjonalment biex jiġi żgurat li s-somma tagħhom tkun ugwali għal 100 %.

Għall-Istati Membri b'ING per capita ta' 90 % tal-valur tal-EU-27, α_i ma jistax ikun inqas mis-sehem tal-emissjonijiet ta' referenza skont l-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) 2018/842 għas-setturi koperti mill-[Kapitolu IVa tad-Direttiva 2003/87/KE] għall-medja tal-perjodu 2016-2018. Il- α_i tal-Istati Membri b'ING per capita oġġla mill-valur tal-EU-27 jiġu aġġustati proporzjonalment biex jiżguraw li s-somma ta' α_i kollha tkun ugwali għal 100 %.

ANNEX II

Allokazzjoni finanzjarja massima għal kull Stat Membru fil-qafas tal-Fond skont l-Artikolu 9 u l-Artikolu 13

L-applikazzjoni tal-metodoloġija fl-Anness I għall-ammonti msemija fl-Artikolu 9 (1) u (2) tirriżulta fis-sehem u l-allokazzjoni finanzjarja massima (MFA) li ġejja għal kull Stat Membru.

Kwalunkwe ammont li jappartjeni għall-Artikolu 9(3) ser ikun kopert fil-limiti tal-allokazzjoni finanzjarja massima għal kull Stat Membru fuq bażi pro rata.

<u>Allokazzjoni finanzjarja massima għal kull Stat Membru tal-</u>		
<u>UE</u>		
<u>(...)</u>		
<u>Stat Membru</u>	<u>Sehem bħala % tat-total</u>	<u>TOTAL 2027-2032 (f'EUR, prezzijiet attwali)</u>
Belġju	2.56	<u>1 507 472 586</u>
Bulgarija	3.85	<u>2 270 196 572</u>
Ċekja	2.40	<u>1 418 376 081</u>
Danimarka	0.50	<u>295 199 829</u>
Ġermanja	8.19	<u>4 830 305 066</u>
Estonja	0.29	<u>169 159 204</u>
Irlanda	1.02	<u>602 578 740</u>
Greċja	5.52	<u>3 257 800 252</u>
Spanja	10.53	<u>6 210 512 340</u>
Franza	11.20	<u>6 609 276 999</u>
Kroazja	1.94	<u>1 147 202 499</u>
Italja	10.81	<u>6 379 618 614</u>
Ċipru	0.20	<u>119 094 192</u>
Latvja	0.71	<u>421 140 612</u>
Litwanja	1.02	<u>603 242 818</u>
Lussemburgu	0.10	<u>60 043 059</u>
Ungerija	4.33	<u>2 557 641 991</u>
Malta	0.01	<u>4 178 166</u>

Netherlands	1.11	<u>654 419 722</u>
Awstrija	0.89	<u>525 865 904</u>
Polonja	17.61	<u>10 389 653 776</u>
Portugall	1.88	<u>1 110 946 532</u>
Rumanija	9.26	<u>5 461 097 201</u>
Slovenja	0.55	<u>324 928 189</u>
Slovakkja	2.36	<u>1 390 145 971</u>
Finlandja	0.54	<u>316 219 516</u>
Żvezja	0.62	<u>363 683 573</u>
EU27	100 %	<u>59 000 000 000</u>

ANNEX III

Rekwiżiti ewlenin għas-sistema ta' kontroll tal-Istat Membru

- (1) L-Istat Membru għandu jipprovdi sistema ta' kontroll intern effettiva u effiċjenti, f'konformità mal-qafas istituzzjonali, legali u finanzjarju tagħhom, li tinkludi s-separazzjoni tal-funzjonijiet u l-arranġamenti ta' rappurtar, superviżjoni u monitoraġġ.

Din tinkludi:

- (...)
 - (...)
 - il-ħatra tal-awtoritajiet fdati bl-implimentazzjoni tal-Pjan Soċjali (...) tal-Klima u l-allokazzjoni tar-responsabbiltajiet u tal-funzjonijiet relatati;
 - il-ħatra tal-awtorità jew awtoritajiet responsabbli għall-iffirmar tad-dikjarazzjoni ta' ġestjoni li takkumpanja t-talbiet għal pagament;
 - proċeduri li jiżguraw li din l-awtorità jew dawn l-awtoritajiet ser tingħata garanzija dwar il-kisba tal-oġġettivi intermedji u l-miri stabbiliti fil-pjan, li l-fondi ġew ġestiti skont ir-regoli applikabbli kollha, b'mod partikolari r-regoli dwar l-evitar tal-kunflitti ta' interess, il-prevenzjoni tal-frodi, tal-korruzzjoni u tal-finanzjament doppju;
 - separazzjoni xierqa bejn il-funzjonijiet ta' ġestjoni u ta' awditjar.
- (2) L-Istat Membru għandu jwettaq implimentazzjoni effettiva ta' miżuri proporzjonati kontra l-frodi u l-korruzzjoni, kif ukoll kwalunkwe miżura meħtieġa biex jiġu evitati b'mod effettiv il-kunflitti ta' interess.

Dawn jinkludu:

- miżuri xierqa relatati mal-prevenzjoni, mal-kxif u mal-korrezzjoni tal-frodi, tal-korruzzjoni u tal-kunflitti ta' interess, kif ukoll mal-evitar ta' finanzjament doppju u biex tittieħed azzjoni legali biex jiġu rkuprati l-fondi li ġew miżapproprjati;
 - valutazzjoni tar-riskju tal-frodi u d-definizzjoni ta' miżuri xierqa ta' mitigazzjoni kontra l-frodi.
- (3) L-Istat Membru għandu jżomm proċeduri xierqa għat-tfassil tad-dikjarazzjoni ta' ġestjoni u tas-sommarju tal-awditi (...) mwettqa fil-livell nazzjonali.

Din tinkludi:

- Proċedura effettiva għat-tfassil tad-Dikjarazzjoni ta' Ġestjoni, li tiddokumenta s-sommarju tal-awditi u [...] ż-żamma tal-informazzjoni sottostanti għar-rekord tal-awditjar;
 - Proċeduri effettivi biex jiġi żgurati li l-każijiet kollha ta' frodi, korruzzjoni u kunflitti ta' interess jiġu rrapportati u kkoreġuti kif xieraq permezz ta' rkupri.
- (4) Sabiex jipprovdi l-informazzjoni meħtieġa, l-Istat Membru għandu jiżgura l-verifiki ta' ġestjoni xierqa, inklużi l-proċeduri għall-verifika tal-issodisfar tal-miri u l-oġettivi intermedji u tal-konformità mal-prinċipji orizzontali ta' ġestjoni finanzjarja tajba.

Dawn jinkludu:

- verifiki ta' ġestjoni xierqa li permezz tagħhom l-awtoritajiet ta' implimentazzjoni ser jivverifikaw l-issodisfar tal-oġettivi intermedji u l-miri tal-fond (eż. eżamijiet dokumentarji, verifiki fuq il-post);
 - verifiki ta' ġestjoni xierqa li permezz tagħhom l-awtoritajiet ta' implimentazzjoni ser jivverifikaw in-nuqqas ta' irregolaritajiet serji (frodi, korruzzjoni u kunflitti ta' interess) u finanzjament doppju (eż. eżamijiet dokumentarji, verifiki fuq il-post).
- (5) L-Istati Membri għandhom iwettqu awditi adegwati u indipendenti tas-sistemi u tal-operazzjonijiet f'konformità mal-istandards tal-awditjar aċċettati internazzjonalment.

Dawn jinkludu:

- Il-ħatra tal-korp/korpi li ser iwettqu l-awditi tas-sistemi u tal-operazzjonijiet u kif tiġi żgurata l-indipendenza funzjonali tiegħu/tagħhom;
 - L-allokazzjoni ta' riżorsi suffiċjenti lil dan/dawn il-korp(i) għall-fini tal-Fond;
 - L-indirizzar effettiv mill-korp/korpi (...) tar-riskju ta' frodi, korruzzjoni, kunflitti ta' interess u finanzjament doppju kemm permezz ta' awditi tas-sistema kif ukoll permezz ta' awditi tal-operazzjonijiet.
- (6) L-Istat Membru għandu jżomm sistema effettiva biex jiżgura li jinżammu l-informazzjoni u d-dokumenti kollha meħtieġa għall-finijiet tar-rekord tal-awditjar.

Dawn jinkludu:

- il-ġbir, ir-reġistrazzjoni u l-ħażna effettivi f'sistema elettronika ta' data dwar ir-riċevituri finali tal-miżuri jew l-investimenti meħtieġa biex jintlaħqu l-oġettivi intermedji/il-miri importanti;
- aċċess lill-Kummissjoni, l-OLAF, il-QEA u (...) fir-rigward ta' dawg l-Istati Membri li jipparteċipaw fil-kooperazzjoni msaħħa skont ir-Regolament (UE) 2017/1939, l-UPPE, id-data tar-riċevituri finali.

ANNEX X

(...) Lista ta' indikaturi komuni

ANNEX XX

Mudell għall-Pjanijiet Soċjali tal-Klima
